EUROPEAN CENTRAL BANK

EUROSYSTEM

European Commission

## STĦARRIĠ DWAR L-AĊĊESS TAL-IMPRIŻI GĦALL-FONDI (SAFE)

Għażiż Sinjur/Għażiża Sinjura,

Nixtiequ nistiednu lill-kumpanija tiegħek biex tieħu sehem fi stħarriġ madwar l-Ewropa li qed isir f'isem il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) mill-kumpanija ta' riċerka Kantar Public, ibbażata fil-Belġju, u d-ditta indipendenti ta' riċerka tas-suq GDCC, ibbażata fin-Netherlands.

Il-Kummissjoni u l-BĊE jridu jifhmu aħjar il-kwistjonijiet u ċ-ċirkostanzi li jiffaċċjaw ditti mhux finanzjarji ta' daqsijiet differenti fl-aċċess għall-finanzjament mill-banek u sorsi oħra ta' finanzjament. It-tweġibiet għall-istħarriġ se jgħinu lill-Kummissjoni tiżviluppa politiki biex ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għal impriżi bħal tiegħek, u se tinforma wkoll id-deċiżjonijiet tal-politika monetarja tal-BĊE.

L-istħarriġ se jieħu l-forma ta' intervista bit-telefon li ddum madwar 15-il minuta. Din se titwettaq skont il-Kodiċi Internazzjonali ICC/ESOMAR dwar ir-Riċerka tas-Suq u Soċjali. Dan ifisser li t-tweġibiet tiegħek se jibqgħu kompletament kunfidenzjali. Nixtiequ nitkellmu mal-persuna li l-aktar kapaċi titkellem dwar il-finanzjament tal-kumpanija tiegħek – jekk dik il-persuna ma tkunx int, jekk jogħġbok għarrafna meta nikkuntattjawk għall-intervista bit-telefown fil-ġimgħat li ġejjin.

Aħna se nibagħtu lill-parteċipanti kollha sommarju tas-sejbiet ewlenin mill-istħarriġ mat-tlestija tiegħu.

Għal aktar informazzjoni dwar il-proġett, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-GDCC fuq survey.accesstofinance@gdcc.com jew il-BĊE fuq survey.accesstofinance@ecb.europa.eu.

Dejjem tiegħek,

Ioannis Ganoulis
Kap tad-Diviżjoni tal-Istatistika Monetarja & Ekonomika
Il-Bank Ċentrali Ewropew

Valentina Superti
Direttur, Ekosistemi II: Turiżmu u Prossimità,
Direttorat Ġenerali għas-Suq Intern, l-Industrija, l-Intraprenditorija u l-SMEs,
Il-Kummissjoni Ewropea